**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 473/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**JASON GENOVESE**
**(I.D. 353675M)**

**Illum, 2 ta' Marzu 2020.**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **JASON GENOVESE**, detentur tal-karta tal-identita numru 353675M, tressaq quddiemha akkuzat talli:-

Nhar is-26 ta' Lulju, 2018 ghall-habta ta' 11:20hrs fuq il-bastiment tas-sajd bl-isem 'All Saints' bin-numru ta' registrazzjoni MFA7004:-

1. Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta' Ahmed Hassan Moussa Ahmed Hassan Moussa Ebid, skond ma iccertifika Dr. Yu Chih Peter Chiu (Med. Reg No. 5820) mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ahmed Hassan Moussa Ebid skond ma' iccertifika Dr. Yu Chih Peter Chiu (Med. Reg No. 5820) mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Hebb kontra il-persuna ta' Ahmed Hassan Moussa Ebid sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar wkoll talli nhar is-26 ta' Lulju 2018 u f'dawn l-ahhar xhur gewwa Marsaskala u diversi lokalitajiet ohra, gewwa dawn il-Gzejjer:-

4. Ikkaguna lil Ahmed Hassan Moussa Ebid biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti u ahwa subien jew bniet, meta jmissu kien jaf li l-imgieba tieghu kienet ser tikkagunalu biza' u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provvizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dott. A. Demicoli LL.D.) nhar it-28 ta' Lulju 2017 f'dan li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija personali ta' 2,000 ewro u dana bi ksur ta' l-artikolu 579 (2) (3) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Jason Genovese u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 2,000 ewro jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt il-perijodu operattiv tal-liberta` kondizzjonata hekk kif moghtija lilu mill-Magistrat Dr.

Ian[1] Farrugia LL.D., nhar id-9 ta' Mejju 2017, liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta lil imputat bhala ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligiijet ta' Malta, b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluzsa fil-mori tal-kawza kontra Jason Genovese, a beneficcju ta' Ahmed Hassan Moussa Ebid u familjari tieghu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta,

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuna ta' Ahmed Hassan Moussa Ebid jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Jason Genovese b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijijet ta' Malta, ghal zmien li thoss xeraq.

Ukoll il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat wiegeb li mhuwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat in-nota tat-3 ta' Jannar, 2019[2] tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:-

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-8 ta' Awwissu 2018.
[2] Fol. 143

a. fl-artikoli 17, 18, 31 tal-Kap 9
b. fl-artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap 9
c. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9
d. fl-artikoli 579(2)(3) tal-Kap 9
e. fl-artikoli 339(d) tal-Kap 9
f. fl-artikoli 251B(1) tal-Kap 9
g. fl-artikoli 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kap 9.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu, 2019[3] l-imputat fil-prezenza tad-difensur tieghu iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza waqt l-udjenza tat-28 ta' Jannar 2020;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

## Xhieda Relevanti

**Ahmed Hassan Moussa Ebid** xehed[4] illi kien jahdem bhala sajjied mal-imputat u dan ghal madwar erba' xhur u nofs. Qal li meta jizbalja fuq ix-xoghol, l-imputat joffendih u jghajjru. Dwar l-incident li gara fis-26 ta' Lulju 2018, ix-xhud qal illi huwa gie msawwat mill-imghallem tieghu, cioe` l-imputat Jason Genovese, fejn dan tal-ahhar tah daqqa ta' ponn fuq wiccu, fuq imniehru u fuq postijiet ohra wkoll.

[3] Fol. 160
[4] Xhieda tat-8 ta' Awwissu 2018 u l-25 ta' Ottubru 2018.

Huwa fisser l-imputat kien diga` qabad u sawwtu qabel meta kienu fuq id-dghajsa, isfel hdejn il-magna ghaliex kien hemm problema bil-magna, izda ma jafx ghaliex ghamel hekk. L-imputat meta wasal hdejh dak il-hin, kellu rabja kbira u tah daqqa ta' ponn kif ukoll remielu l-hwejjeg fil-bahar bil-flus li kellu gol-hwejjeg b'kollox. Ghal dan l-incident kien hemm prezenti impjegat iehor tal-imputat, certu Egizzjan jismu Muhammed. Ix-xhud spjega illi huwa cempel lil mart l-imputat ghaliex hi titkellem bl-Gharbi u qalilha li l-imptuat ha jkeccih. Hi qatlu biex jikkalma u li kienet ser tigi malajr.

Ix-xhud ikkonferma illi sussegwentement, wara li ghaxar minuti jew kwarta, l-imputat qalli biex imur igib xi kolla mill-garaxx tieghu li jinsab vicin id-dghajsa, u rega' sawwtu meta mar fil-garaxx. L-imputat tah daqqa ta' ponn f'ghajnu, kif ukoll tah bis-sieq fuq kuxtejh in-naha ta' quddiem u fil-parti tieghu. Tah ukoll bil-ponn f'wiccu bis-sahha fuq imniehru u hassarlu mniehru. Semma wkoll illi l-imputat tah daqqa ta' siequ fuq rasu wkoll. Meta l-imputat ra d-demm, qabdu minn idu u qallu biex ma johrogx barra, izda x-xhud irnexxielu jitlaq 'il barra u bid-demm hiereg minn wiccu, wasal vicin ta' cafeteria fejn kien hemm in-nies u fuq talba tieghu xi hadd gharraf lill-Pulizija li gew fuq il-post. Jghid illi wara li gew il-pulizija, huwa ttiehed l-isptar, jghid li kellu xi griehi f'ghajnejh, f'wiccu u mniehru kif ukoll fuq quddiem fil-parti tieghu minn fejn hareg matejal ta' kulur ahmar. Fl-Isptar Mater Dei sarulu xi testijiet u hemmhekk dam gurnata. Huwa soffra griehi f'ghajnu tax-xellug u f'wiccu kif ukoll fil-parti privati tieghu.

Ix-xhud qal li kien hemm diversi okkazjonijiet meta huwa gie msawwat mill-imputat u darba fost l-ohrajn meta kienu fuq id-dghajsa fuq il-bahar, l-imputat qabad is-senter u mar fuqu; kien ukoll ikellmu hazin u dejjem joffendih b'familtu. Ix-xhud zied jghid illi huwa kellu jissapporti ghaliex kellu familja, u qal illi qatt qabel ma kellu problemi ma' hadd.

In kontro-ezami ix-xhud qal li huwa gie Malta biex jahdem bhala sajjied u li hadem hajtu kollha bhala sajjied. Madanakollu, huwa qatt ma hadem fuq sunnara izda wara ftit taz-zmien huwa fehem ix-xoghol u beda jahdem tajjeb. Ikkonferma illi gurnata jew jumejn qabel l-incident, l-imputat tah xoghol fuq xi tankijiet li fihom kien hemm materjal li jnigges hafna u qallu biex iwaddbu fil-bahar. L-imputat gablu x'jiekol izda kien aggressiv u waddab l-ikel tieghu barra u beda joffendih.

**Mohammed Gali**[5] fejn qal illi huwa jahdem ma' Jason Genovese, l-imputat, u illi kien jahdem flimkien ma' Ahmed Moussa. Ikkonferma li kien hemm problema tax-xoghol bejn l-imputat u Ahmed fosthom problema biex Ahmed jaghmel xi bicca injama. Qal li meta hu kien fuq id-dghajsa, sema' lill-imputat jaghti struzzjonijiet lil Ahmed biex jaghmel bicca injama fuq injama ohra u Ahmed irrifjuta li jaghmel dan. Ix-xhud ma jafx ghalfejn Ahmed irrifjuta izda l-imputat kif ra hekk, imbotta lil Ahmed b'idejh u ta daqqa ta' id fuq Ahmed u qallu wkoll biex jibqa' sejjer. F'dan l-istadju x-xhud dahal fin-nofs bejn is-sid tad-dghajsa u Ahmed biex jifridhom. Ahmed kellu xi affarijiet personali tieghu, poggihom go baskett u l-imputat waddab l-affarijiet ta' Ahmed kollha fil-bahar. Imbaghad Ahmed mar flimkien mal-imputat fil-garaxx izda x-xhud baqa' fuq id-dghajsa u ma jafx x'gara. Madanakollu, huwa sema' lil Ahmed jibki fil-garaxx u wara ftit huwa ra id-demm fuq wicc Ahmed u Ahmed kien qallu wkoll li dan gara ghaliex is-sid tad-dghajsa tah daqqa ta' ponn fuq wiccu. Ahmed kien qallu biex jiehu xi ritratti u biex icempel lill-Pulizija, u x-xhud ikkonferma wkoll illi r-ritratti Dok. EH11 huwa ritratt ta' Ahmed fil-garaxx filwaqt illi Dok. EH12 huwa ritratt li Ahmed ha bil-mobile tax-xhud. Huwa ikkonferma illi r-ritratti esebiti kienu dawk mehuda lil Ahmed.

**P.S. 31 Mario Farrugia**[6] xehed illi fis-26 ta' Lulju 2018 fil-11.25 a.m il-Pulizija tal-Ghassa ta' Wied il-Ghajn kienu gew infurmati illi kien hemm persuna li kellu

[5] 25 ta' Ottubru 2018.
[6] Fol. 74 - 80

wiccu bid-demm vicin l-istabbiliment ‘Lemon and Lime’. Meta mar fuq il-post sab zewg persuni, fejn wiehed minnhom Ahmed Hassan Moussa Ebid ta’ nazzjonalita barranija beda jghid li kien ghadu kif qala’ xebgha minghand l-imghallem tieghu, li kien hebb ghalih u tah xi daqqiet ta’ ponn. L-imghallem gie identifikat bhala l-persuna l-ohra li kien qieghed jghid lil Ebdi biex jidhol gewwa garaxx proprjeta` tieghu li hemm vicin il-‘Lemon and Lime’. Din il-persuna, li xhud gharafha bhala l-imputat odjern, Jason Genovese, beda jghid li m’huwiex veru dak li kien qieghed jghid Ahmed Hassan Moussa Ebid u li kien Ahmed Hassan Moussa Ebid stess li kien ta xi daqqiet lilu nnifsu. Beda jghid ukoll li Ahmed Hassan Moussa Ebid kien jaghmel apposta u li kien qed jaqlaghlu xi nkwiet fuq ix-xoghol u ma kienx qed jaghmel xogholu fuq id-dghasja.

Ix-xhud tkellem maz-zewg persuni separatament fejn Ahmed Hassan Moussa Ebid qal li l-argument kien ilu li beda minn fuq id-dghajsa minn lejliet fejn Jason kien qallu biex jaghmel xi xoghol biex iwahhal xi injama u din kienet ghadha ma saritx u dakinhar stess filghodu ftit qabel ma gara dan l-argument, l-imputat kien mar jghajjat mieghu u kien anke remielu l-affarijiet tieghu minn fuq id-dghajsa u fuq id-daghjsa dak il-hin kien hemm ukoll haddiem iehor li kien waqqaf lill-imputat. Ahmed Hassan Moussa Ebid qal ukoll li huwa nizel minn fuq id-dghajsa u mar gewwa l-kamra, dahal l-imputat warajh u hemmhekk tah xi daqqa ta’ ponn f’wiccu u xi daqqiet ohrajn f’rasu. Ix-xhud fisser illi Ahmed Hassan Moussa Ebid kellu xi demm u griehi vizibbli fuq in-naha tal-imnieher u hafna demm niezel ma’ wiccu.

Meta gie mitkellem l-imputat fuq il-post, huwa qal li dak illi kien qed jirrapporta l-haddiem tieghu ma kienx veru u qal illi huwa kien ta struzzjonijiet biex dan il-haddiem iwahhal bicca injama u ma kienx ghadu ghamel ix-xoghol, u meta dahal fil-kamra sab lil din il-persuna taghti xi daqqiet f’wiccu apposta. Skont ix-xhud, wahda mill-ewwel kelmiet li qallu l-imputat dak il-hin qabel tah ismu, kien “*Surgent ha taghmel rapport bizzejjed ghandi problemi*”.

Din il-verzjoni tinsab rapportata fl-okkorrenza Dok. MF[7] u giet ikkonfermata bis-shih mix-xhud **P.C. 656 Jonathan Hili**[8] li kien akkumpanja lil P.S. 31 Mario Farrugia fuq il-post wara li dahal rapport dwar il-persuna b'wiccha kollu demm magenb l-istabibliment Lemon and Lime gewwa Triq ix-Xatt Marsascala[9].

L-**Ispettur Jeffrey Scicluna[10]** xehed illi l-imputat kien tressaq taht arrest quddiem il-Qorti akkuzat li kkaguna griehi gravi fuq persuna ta' nazzjonalita` Indonezjana li kienet tahdem mieghu, u kien inghata l-helsien mill-arrest permezz ta' digriet moghti fit-28 ta' Lulju, 2017 minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Magistrat Audrey Demicoli[11]. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-proceduri kriminali in konnessjoni ma' din l-imputazzjoni kienu ghadhom *sub judice*.

It-tabib **Mr. Fredrick Zammit Maempel** li gie nominat mill-Qorti sabiex jezmina lil Ahmed Hassan Moussa Ahmed Hassan Moussa Ebid u jirrelata dwar il-permanenza o meno tal-griehi li garrab u dwar in-natura tal-istess, esebixxa r-rapport mediku tieghu[12] u xehed illi huwa ha l-verzjoni tal-allegat vittma, ezamina l-*past medical history* tieghu kif ukoll ir-rizultanzi tal-investigazzjonijiet li kienu sarulu fid-Dipartiment tal-Emergenza l-Isptar, fosthom CT scan ta' mohhu, x-ray ta' sidru u ultrasound[13]. Huwa ezamina lill-allegat vittma ghaxar gimghat wara l-incident u sab illi ghalkemm huwa kien sofra ksur tal-ghadma tal-imnieher u saritlu operazzjoni, dan il-ksur ma halla ebda sinjal ta' sfregju f'wiccu u mill-ezami li kkonduca, l-espert ma ra l-ebda xaqlib (*deviation*) jew liwja fl-imnieher, u lanqas ra xi dizugwaljanza fl-imnifsejn. Billi l-griehi fiequ f'durata ta' inqas minn tletin jum, l-espert ikkonkluda illi l-griehi li ggarrbu kienu ta' natura hafifa. Irrapporta li skont l-allegat vittma, huwa ghadu jhoss ugiegh

[7] Fol. 82 *et seq*.
[8] Xhieda tat-18 ta' Settembru 2018.
[9] Ix-xhud esebixxa notamenti li xehed dwarhom in konnessjoni mal-kaz.
[10] 3 ta' Dicembru 2018.
[11] Ix-xhud ikkonferma li dan id-digriet huwa dak li kopja legali tieghu tinsab esebita a fol. 137.
[12] Dok. FZM, fol. 102 *et seq*.
[13] Mir-rapport mediku jirrizulta li mit-testijiet li saru l-Isptar, instab li l-allegat vittma kellu demm fl-awrina (microscopic haematuria).

f'imniehru meta dan jintmess, u anke meta jkun mimdud bil-lejl. Afferma wkoll illi l-griehi li huwa kkostata huma kompatibbli mal-verzjoni li tah l-allegat vittma u jistghu jigu kkagunati sija minn daqqa ta' ponn gol-imnieher u sija minn waqgha fl-art b'tisbita fir-ras ghaliex din tista' twassal ghal ksur tal-*bridge* tal-imnieher. Madanakollu, ix-xhud ma ezaminax l-intern tal-ghajnejn u l-vista tal-allegat vittma, u lanqas l-intern ta' mnifsejh.

**It-Tabib Dr. Yu Chih Peter Chiu** xehed[14] illi huwa kien irilaxxa c-certifikat mediku datat 26 ta' Lulju, 2018 fil-konfront ta' Ahmed Hassan Moussa, u mill-ezami li sarlu gie kkostat li huwa garrab is-segwenti:- *fracture of the nasal pyramid, patch of erythema over anterior right shoulder, patches of erythema over upper back, bilateral erythema over knees, swelling of bridge of nose with superficial abrasions*. Ix-xhud ikklassifika dawn il-griehi bhala gravi minhabba l-frattura tal-imnieher u qal ukoll li l-verzjoni ta' fatti moghtija mill-allegat vittma dwar kif garrab l-imsemmija griehi, hija komptabbli mal-griehi li huwa kkostata.

**Namette Schembri** li giet prodotta bhala xhud in difesa, xehdet[15] fost ohrajn, illi hija kienet marret tfiehem lil Ahmed bl-Gharbi ezattament ix-xoghol li l-imputat riedu jaghmel u hija certa li Ahmed fehem dak kollu li kellu jsir min-naha tieghu. Ikkonfermat ukoll li f'hin minnhom, Ahmed kien cemplilha u qalilha li Jason ried ikeccih u talabha tmur fuq il-post. Huwa nstema' qiesu rrabjat li ha jitkecca minn xogholu. Hi nizlet fuq il-post izda kienu lahqu waslu l-Pulizija. Ix-xhud qalet ukoll li kien diga` nqala' xi dizgwid bejn l-imputat u Ahmed meta darba minnhom Ahmed kien mar go klabb minghajr ma qal lill-imghallem u kien mar ukoll jahdem ghand tal-haxix meta suppost ma jista' lanqas jinzel minn fuq il-lanca. Izda, ix-xhud innegat li kien hemm xi argumenti kbar bejn l-imputat u l-allegat vittma u sa fejn taf hi, l-episodju tas-26 ta' Lulju 2018 kien l-uniku wiehed fejn is-sitwazzjoni bejniethom eskalat.

[14] 25 ta' Ottubru 2018.
[15] 14 ta' Marzu 2019.

**L-imputat Jason Genovese** ma xehedx f'dawn il-proceduri izda kien irrilaxxa stqarrija fit-28 ta' Lulju 2018[16] wara li nghata d-drittijiet tieghu u kkkonsulta mal-avukat tieghu[17], fejn huwa qal illi gurnata qabel l-incident qal lill-vittma, Ahmed Hassan Moussa Ebid li jahdem mieghu bhala bahri fuq il-lanca tieghu, biex jorbot injama fil-lanca biex l-ghada jkun jista' jdellek il-fibre maghha. Lill-haddiem l-iehor tieghu, Mohammed Gali, kien tah bicca xoghol ohra u dan kien ghamilha. Huwa jghid illi kien fehemhom x'riedu jaghmlu bil-Malti u bl-Gharbi permezz ta' Namet Schembri li hija persuna ta' Nazzjonalita Libjana. Lil Ahmed kien fehmu wkoll bit-Taljan. L-ghada sab illi Ahmed ma kienx ghamel din il-bicca xoghol u qallu sabiex jaqbad hwejjgu u jitlaq. Lil Gali qallu sabiex jaghmlu x-xoghol huma. Ahmed qabad u nizel mill-lanca minghajr ma ha xejn mieghu u mar fil-garaxx fejn l-imputat kompla jghif illi sabu jilghab bil-'mobile'. Huwa rega' ghajjat mieghu u dan Ahmed qabad jghajjat ma' wiccu u qallu li ma riedx ikompli jahdem aktar mieghu u qabad jaghti go wiccu kemm jiflah. F'xi hin beda niezel id-demm minn imnieher Ahmed u hareg barra u beda jghajjat ghal pulizija u jzelleg id-demm mal-karozzi. Kompla jghid illi sadanittant gie Gali u ppruvaw idahhlu lil Ahmed ghall-frisk fil-garaxx. X'hin irnexxilhom iqajmuh bil-wieqfa, imbutta kemm lill-imputat kif ukoll lil Gali, ipprova jaqsam ghan-naha tal-lanca, kif waslet karozza ezatt hdejh intefa' quddiem ir-rota taghha sabiex tkun tista' ttajru. Regghu gibduh lejn il-bankina u ftit tal-hin wara waslu l-pulizija. F'din l-istqarrija l-imputat allega wkoll illi dan l-episodju huwa biss *frame-up* fil-konfront tieghu, li ghandu tliet xhieda li jistghu jikkonfermaw li dan kien *frame-up* u li l-Pulizija ghandhom ritratti tal-hwejjeg tal-lavrant tieghu gol-garaxx lest biex jitlaq. Qal ukoll illi Ahmed ried jitlaq ghaliex kien sab xoghol ahjar u ghazel it-triq tal-iehor ta' qablu.

Ikkunsidrat;

[16] Dok. EH4, fol. 16 - 18
[17] Ara wkoll xhieda tal-Ispetter Eman Hayman tat-3 ta' Dicembru 2018.

Kif inhuwa evidenti minn ezami tax-xhieda li nstemghet mill-Qorti in konnessjoni mal-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijet odjerni, liema xhieda fil-partijiet relevanti taghha giet hawn fuq riprodotta, l-imputat u l-allegat vittma f'din il-kawza, Ahmed Hassan Moussa Ebid, jaghtu verzjonijiet kompletament kuntrastanti dwar x'wassal biex dan tal-ahhar garrab il-griehi li mill-provi jirrizulta li huwa soffra f'wiccu u partijiet ohrajn ta' gismu. Filwaqt li hemm qbil dwar il-fatti li graw immedjatament qabel feggew dawn il-griehi, u effettivament m'huwiex kontestat illi nqala' dizgwid u kien hemm argument bejn l-imputat u l-imsemmi lavrant tieghu b'rabta ma' bicca xoghol li dan tal-ahhar ma kienx ghadu wettaq minkejja li kien inghata struzzjonijiet kif din kellha ssir, il-qbil jiefaq hemm. L-allegat vittma jghid illi huwa gie mkecci mill-imghallem tieghu li waddablu l-hwejjeg tieghu fil-bahar u tah diversi daqqiet ta' ponn fosthom f'wiccu u f'imniehru meta kienu fil-garaxx. Mill-verzjoni moghtija mill-imputat fl-istqarrija tieghu, huwa jinnega illi kien kecca lill-allegat vittma mill-impieg u sostna illi l-lavrant tieghu kien irrifjuta li jobdi l-istruzzjonijiet li tah, lesta hwejgu fil-garaxx biex jitlaq ghaliex kien sab xoghol ahjar, u meta sabu gol-garaxx, Ahmed beda jghajjat li ma jridx jahdem iktar mieghu u xejjer b'idu fuqu nnifsu u ta bil-ponn fuq wiccu sakemm infarag.

Il-Qorti minnufih tqis illi l-verzjoni ta' fatti moghtija minn Ahmed Hassan Moussa Ebid hija veritjera u ghandha tigi emmnuta. Kemm hu hekk, il-Qorti hija moralment konvinta mill-kumpless tal-provi kollha migjuba fl-atti, illi l-fatti graw hekk kif xehedhom dan il-vittma. Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha wkoll wara li qieset illi l-verzjoni tal-imputat kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu, cioe` illi Ahmed Hassan Moussa Ahmed Ebid infligga fuqu nnifsu diversi griehi fosthom kiser imniehru meta qabad jaghti go wiccu stess, ma tistax tigi meqjusa bis-serjeta` u hija effettivament xejn inqas minn prespostera. Barra minn hekk, l-allegazzjonijiet li saru mill-imputat ma nghataw ebda sostenn jew konfort mill-provi u x-xhieda li ghandha quddiemha l-Qorti. Fost ohrajn, l-allegazzjonijiet li Ahmed qabad hwejgu biex jitlaq minn fuq il-lanca, li beda jghajjat mal-imputat; li ma riedx jahdem iktar mal-imputat; li mbotta kemm lilu kif ukoll lil

Muhammed Gali, u li ntefa' quddiem karozza miexja biex jittajjar, mhux talli ma gewx korroborati mix-xhieda ta' Muhammed Gali u ta' Namette Schembri, talli gew kontradetti bis-shih mill-imsemmi xhud Muhammed Gali.

Il-fatt illi l-vittma kien cempel lil Namette Schembri meta gara l-ewwel incident fuq id-dghajsa, huwa konfermat mill-istess Namette Schembri li affermat ukoll li f'dik it-telefonata l-istess allegat vittma qalilha li l-imputat ha jkeccih minn fuq ix-xoghol. Dan ghall-Qorti din il-verzjoni tkompli taghti affidabbilita` lill-verzjoni ta' Ahmed Hassan Moussa Ebid, liema verzjoni hija affermata wkoll minn Muhammed Gali li kien prezenti ghall-alterkazzjoni li sehhet bejn l-imputat u Ahmed fuq id-dghajsa, u xehed kif l-imputat hebb ghal Ahmed, imbottah b'idu, qallu biex jitlaq u tefghalu l-hwejjeg fil-bahar. Il-Qorti tosserva wkoll illi ghalkemm dan ix-xhud ma kienx prezenti fil-garaxx fejn Ahmed garrab il-griehi f'wiccu, huwa qal sema' lill-kollega tieghu jibki u rah hiereg mill-istess garaxx bid-demm f'wiccu.

Fuq kollox izda, il-Qorti ma tistax ma taghtix piz ukoll lill-fatt illi Ahmed Hassan Moussa Ebid gie certifikat li, oltre ghall-ksur f'imiehru, soffra wkoll griehi konsistenti f'irqajja' ta' hmura fuq spallejh u n-naha ta' fuq ta' dahru[18], liema griehi l-Qorti difficilment tista' tifhem kif setghu gew awto-inflitti, anke meta wiehed iqis il-verzjoni li fisser l-imputat fl-istqarrija tieghu dwar kif il-lavrant tieghu infligga l-griehi fuqu nnifsu. Ghalkemm huwa minnu illi l-vittma ma ssenjalax fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, illi l-imputat sawtu specifikatament fuq spallejh u dahru, huwa xehed, testwalment, illi l-imputat tah daqqa fuq koxxtejh kif ukoll f'postijiet ohra. Il-Qorti tifhem illi l-hmura kostatata talanqas fuq irkobbtejh, hija kompatibbli mad-daqqiet ta' sieq fuq koxxtejh, li ddeskriva l-istess xhud. B'zieda ma' dan, skont kif jirrizulta mir-rapport mediku Dok. FZM, ir-rizultanzi tat-testijiet medici li saru fuq l-allegat vittma meta ttiehed fl-Emergenza tal-Isptar Mater Dei dakinhar tal-incident, urew li kien instab id-

[18] Ara xhieda ta' Dr. Yu Chih Peter Chiu tal-25 ta' Ottubru 2018, u c-certifikat minnu rilaxxat fis-26 ta' Lulju 2018, a fol. 12.

demm fl-awrina (*microscopic haematuria*) tal-vittma, u fil-fehma tal-Qorti din ir-rizultanza hija konsonanti mal-verzjoni tal-istess xhud illi l-imputat kien tah daqqa ta' sieq fil-parti privata tieghu, daqqa li del resto huwa inkomprensibbli kif tista' tigi awto-inflitta. Infatti l-Qorti tistmerr bhala kompletament gratuwita din id-difiza tal-imputat.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Il-verzjoni tal-imputat illi kien il-vittma li ma riedx ikompli jahdem iktar mieghu huwa kontradett mill-fatt, debitament stabbilit mill-provi[19], illi l-imputat kien diga` kecca lill-allegat vittma minn xogholu u kien tefghalu hwejgu fil-bahar. Ma fiha l-ebda logika fil-fehma tal-Qorti illi persuna li, kif jirrizulta mix-xhieda ta' Jean Claude Attard[20], gie Malta fuq stedina personali tal-imputat sabiex jahdem mieghu fuq il-bastiment tas-sajd tieghu[21] b'*transit visa* li jawtorizza lid-detentur jirrisjedi biss abbord il-lanca f'dan il-kaz, jinfliggi fuqu nnifsu griehi tax-xorta li gew certifikati fl-ezami mediku li sar *a tempor vergine,* u jitlaq mill-impieg tieghu meta ma ghandu ebda permess biex jirrisjedi gewwa Malta ahseb u ara akkomodazzjoni residenzjali alternattiv.

B'zieda mal-premess, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll il-kuntrast evidenti bejn il-verzjoni tal-imputat kif jirrizulta mill-istqarrija minnu rilaxxata - fejn huwa nnega li kien kecca lil Ahmed Hassan Moussa Ebid mill-impieg u sahaq li kien hu li effettivament ried jitlaq ghaliex sab xoghol ahjar u dan kien *frame-up* fil-konfront tieghu - u dak sottomess waqt it-trattazzjoni fejn id-difiza sostniet illi l-imputat kien gustifikat li jkecci lill-lavrant tieghu minhabba l-problemi ta' komunikazzjoni u inkompetenza u li l-istess lavrant infligga fuqu nnifsu dwan il-griehi sabiex ma jintbaghtx lura lejn pajjizu. Il-Qorti qajla tista' tifhem din il-linja difensjonali tal-imputat.

[19] Ara xhieda ta' Muhammed Gali u Namette Schembri.
[20] Xhieda tat-3 ta' Dicembru 2018.
[21] MV All Saints. Ara xhieda ta' Michael Savona tal-25 ta' Ottubru 2018, li tikkonferma illi dan il-bastiment huwa registrat f'isem l-imputat Jason Genovese.

**Fil-gabra tal-provi kollha li ghandha quddiemha, il-Qorti temmen illi dan huwa kaz sfortunat ta' *bullying* da parti tal-imputat fil-konfront ta' haddiem barrani li evidentement ma ghandux mezzi finanzjarji u jiddependi totalment mill-imghallem tieghu inkluz ghall-akkomodazzjoni tieghu, maghdud dan il-frustrazzjoni evidenti li tkun gejja minn problemi ta' komunikazzjoni. F'kull kaz, anke jekk *ex gratia argumenti* l-Qorti kellha taccetta illi l-vittma ried jitlaq mill-impjieg tieghu mal-imputat jew irrifjuta li jobdi l-ordnjiet tal-principal tieghu, dan il-fatt, jew nuqqas ta' kompetenza jew komunikazzjoni fuq ix-xoghol, ma jista' qatt taht l-ebda cirkostanza jiggustifika li persuna tigi aggredita bhala zvog ghall-frustrazzjoni ta' haddiehor**[22].

Il-Qorti fil-gabra tal-provi kollha u fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ma ghandha ebda rizerva kwalsiasi sabiex taghti affidabbilita` shiha lill-verzjoni tal-vittma illi huwa gie aggredit mill-imputat wara li dan tal-ahhar irrabja minhabba xi nuqqasijiet f'xogholu. Hija wkoll moralment konvinta illi kien l-imputat li aggredixxa lil Ahmed Hassan Moussa Ebid fuq id-dghajsa u gewwa l-garaxx u dan billi tah daqqiet bil-ponn fuq imniehru, ghaliex kif diga` stabbilit, il-verzjoni tad-difiza hija inattendibbli. Kemm hu hekk, din il-verzjoni tad-difiza ma tohloq l-ebda dubju kwalsiasi fil-konvinciment tal-Qorti dwar il-veracita` tal-verzjoni tal-Prosekuzzjoni, wisq anqas dubju ragjonevoli.

Ikkunsidrat;

[22] Din il-konkluzjoni hija rinforzata minn dak li ddikjara l-imputat waqt l-istqarrija fejn afferma li huwa kien talab lill-Pulizija sabiex ma jaghmlux rapport ghax ghandu bizzejjed problemi u illi l-vittma kien qed jaghmel kif ghamillu "*l-iehor ta' qablu*". Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi din id-dikjarazzjoni torbot tajjeb mal-fatt illi, kif xehed l-Ispettur Jeffrey Scicluna, l-istess imputat diga` jinsab akkuzat li kkaguna griehi gravi fuq lavrant iehor tieghu. Ovvjament ghalkemm tezisti l-presunzjoni tal-innocenza ghaliex f'dawk il-proceduri l-imputat kien ghadu qed jigi processat, dawn il-fatti ikompli jsahhu l-konvinzjoni li diga` fformat il-Qorti dwar dak li verament sehh f'dan il-kaz odjern.

Illi stabbilit illi l-imputat ikkaguna offizi fuq il-persuna ta' Ahmed Hassan Moussa Ebid, il-Qorti trid tghaddi sabiex tistabbilixxi jekk l-offizi sofferti minnu inkluz dawk f'imniehru li gew deskritti bhala "*fracture of the nasal pyramid*"[23], ghandhomx jitqiesu u jigu klassifikati bhala offizi ta' natura gravissima a tenur tal-Artikolu 218, jew ta' natura gravi a tenur tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9, jew inkella bhala offizi ta' natura hafifa a tenur tal-Artikolu 221 tal-istess Kap. 9.

Illi kwantu ghall-fatt illi fin-nota tieghu tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali ma indikax specifikatament l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 li jipprospetta r-reat ta' offiza hafifa fuq il-persuna, huwa evidenti anke mid-definizzjoni tal-offiza ta' natura hafifa - li fl-istess Artikolu 221[24] hija mfissra bhala offiza li ma ggib ebda wahda mill-konsegwenzi ta' offizi li huma klassifikati bhala gravi jew gravissimi - illi dan ir-reat huwa wiehed minuri li huwa kompriz fir-reati iktar gravi prospettati fl-Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9.

Kif ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Borg** moghtija fl-10 ta' Novembru 2005:-

*"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att tal-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha."*

Mill-provi jirrizulta illi filwaqt li t-tabib li ezamina lill-vittma fl-Emergenza tal-Isptar Mater Dei fis-26 ta' Lulju 2018, ikklassifika l-offiza fl-imnieher bhala

[23] Certifikat esebit a fol. 12.

[24] 221(1) *L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu,titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.*

wahda ta' natura gravi, l-espert ortopediku[25] imqabbad mill-Qorti sabiex jirrelata dwar il-permanenza ta' dawn l-offizi u n-natura taghhom, wasal ghall-konkluzjoni li l-offiza fl-imnieher hija wahda hafifa ghaliex din l-ghadma normalment tfiq fi zmien tlieta sa erbgha gimghat. Barra minn hekk huwa kkonkluda li ma kien hemm ebda hjiel ta' sfregju fil-wicc tal-vittma konsistenti f'xi *displacement* tal-ghadma tal-imnieher jew dizugwaljanza fit-toqob tal-imnisfejn.

Illi l-Artikoli tal-ligi kwotati mill-Avukat Generali b'referenza ghall-imputazzjonijiet odjerni, cioe` offizi ta' natura gravi fil-wicc u fuq il-persuna ta' Ahmed Hassan Moussa Ahmed Hassan Moussa Ebid, huma *inter alia* l-Artikoli 216 u 218[26]. Ghalkemm is-subincizi partikolari tal-imsemmija Artikoli ma gewx indikati specifikatament, huwa evidenti li r-referenza kellha tkun ghas-subincizi (1)(a) u (b) tal-Artikolu 218 u s-subincizi (1)(a)(ii)(iii) u (b) tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi offiza hija gravissima fit-termini tal-Artikolu 218(1)(a) u (b) tal-Kap. 9:-

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Illi mbaghad l-Artikolu 216(1)(a) u (b) jipprovdi hekk:-

*L-offiża fuq il-persuna hija gravi.....*
*(a) jekk tista' ġġib periklu –*
....
*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*
*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; ....*

---

[25] Mr. Frederick Zammit Maempel.
[26] Gie invokat ukoll l-Artikolu 217 riferibbilment ghall-mezzi li ntuzaw biex gew ikkagunati dawn il-feriti.

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;"*

Illi l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[27]

Illi aktar minn hekk huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik tat-tobba, u lanqas ma hija marbuta li toqghod ghall-fehma tal-periti minnha mahturin kontra l-konvinzjoni taghha[28]. Dan il-principju gie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[29] fejn intqal illi:-

*"… **ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant** … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi dwar l-isfregju u mankament fil-wicc imsemmi fl-Artikoli 216 u 218 tal-Kapitolu 9, gie ritenut[30] illi:-

---

[27] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.
[28] Artikolu 656 tal-Kap. 9.
[29] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996
[30] Il-Pulizija vs Paul Spagnol, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali wkoll fit-12 ta' Settembru 1996.

*"B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto".* ***Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ****. Skont ġurisprudenza ormai paċifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin.* [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi stabbiliti dawn il-principji u b'applikazzjoni taghhom ghall-kaz in ezami, il-Qorti tqis li bla dubju il-griehi konsistenti fil-hmura kif deskritta fic-certifikat mediku datat 26 ta' Lulju 2018 u fix-xhieda tat-tabib li rrilaxxah[31], huma offizi ta' natura hafifa. Dwar jekk il-ksur fl-imnieher f'dan il-kaz, ghandux jigi klassifikat bhala offiza ta' natura gravissima jew bhala offiza ta' natura gravi, jew inkella wahda ta' natura hafifa, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Huwa fatt stabbilit li bhala rizultat tal-aggressjoni, Ahmed Hassan Moussa Ebid garrab ksur f'imniehru, liema offiza giet kostatata permezz ta' x-ray. Sussegwentement, saritlu operazzjoni bil-loppju biex l-ghadma tigi ddrittata[32] liema operazzjoni kienet success. Kemm hu hekk, l-espert mediku kkonkluda li ma kien hemm ebda sfregju jew mankament fil-wicc minhabba dan il-ksur, u l-ghadma fieqet tajjeb. Il-Qorti tosserva illi mir-rapport mediku Dok. FZM, jirrizulta illi ghalkemm il-vittma kien ilmenta mal-espert waqt l-ezami li huwa kien ghadu jbati minn ugigh f'imniehru, il-vittma ma ghamel ebda accenn ghal xi ugigh f'imniehru waqt ix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti. Fi kwalsiasi kaz ma tressqet l-ebda prova li bhala rizultat tal-aggressjoni, kien hemm xi nuqqas fil-funzjoni tal-imnieher, u l-istess espert iddikjara specifikatament illi huwa ma kienx ezamina l-intern tal-imnifsejn tal-vittma.

[31] Xhieda tal-25 ta' Ottubru 2018.

[32] Rapport Dok. FZM, fol. 102 *et seq*.

**Minn dan jikkonsegwi necessarjament illi ma ngiebet l-ebda prova li l-frattura fl-imnieher ikkaguna mankament, ghall-fini tal-Artikolu 216(1) jew "*ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem,* (fil-kaz in ezami fl-imieher) *jew gab difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem"* jew seta' jgib perikolu ta' tali debulizza u/jew difett, kif rikjest ghall-finijiet tal-isfregju permanenti kontemplat mill-Artikolu 218 tal-Kap. 9**.

Izda ghalkemm ma hemmx evidenza medika illi tista' twassal lill-Qorti biex tafferma illi dawn il-griehi illi garrab il-vittma effettivament jikkonsistu fi sfregju ta' natura permanenti ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa risaput illi l-permanenza o meno tal-offiza ma hijiex fattur essenzjali ghall-finijiet tal-isfregju kontemplat mill-Artikolu 216 tal-Kap. 9. Dan gie pjenament konfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** deciza fil-5 ta' Frar 1998 fejn gie ritenut:-

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fit-termini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc.* ***Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "Offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.****"* [enfasi ta' din il-Qorti]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deciz fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`)*

*ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

Fil-kaz in dizamina, il-Qorti, wara li rat ic-certifikat mediku Dok. EH12 u rat ukoll illi kif stabbilit mir-rapport tal-espert mediku (Dok, FZM) kien hemm ksur fl-imnieher tal-vittma liema ksur ispostja l-ghadma tal-imnieher, u dan, kif stabbilit, bhala konsegwenza tad-daqqa jew daqqiet ta' ponn li qala' l-istess vittma f'imniehru minghand l-imputat Jason Genovese, **hija tal-fehma illi dan il-ksur huwa wiehed gravi u jikkostitwixxi sfregju fil-wicc ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**. Din il-konkluzjoni l-Qorti qed tasal ghaliha minkejja l-fatt illi l-espert mediku wasal ghall-konkluzjoni illi l-offiza fl-imnieher hija wahda hafifa u dan ghaliex kif rajna, id-durata tal-isfregju m'hijiex fattur relevanti ghall-finijiet ta' klassifika tal-offiza ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. B'zieda ma' dan, huwa evidenti illi l-isfregju li garrab l-imnieher meta dan inkiser, gie rrangat u l-imnieher gie ddrittat, biss minhabba li saret l-operazzjoni kirurgika u mhux ghaliex din fieqet wahedha.

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi fir-rigward ta' dak allegat mill-vittma fix-xhieda tieghu, illi qala' daqqiet f'ghajnejh u baqa' jhoss ugigh f'ghajnejh, ma hemm ebda prova fl-atti li tikkonforta din l-allegazzjoni u ma giet riskontrata ebda lezjoni kompatibbli jew hsara fl-ghajnejn fl-ezami medika li saret fid-data tal-incident. Lanqas hemm xi evidenza li turi li l-vittma kienet ilmentat dwar dan l-ugigh *a tempor vergine*. F'kull kaz, l-espert mediku fir-rapport tieghu eskluda li kien hemm hsara vizibbli fl-ghajnejn jew fil-moviment taghhom u ma tressqet ebda prova ohra li tista' tikkonvinci lill-Qorti fil-grad rikjest fil-kamp kriminali illi b'rizultat tal-aggressjoni il-vittma garrab griehi f'ghajnejh.

Ghaldaqstant, l-imputat sejjer jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni kwantu kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-wicc ta' Ahmed Hassan Moussa Ahmed Hassan Moussa Ebid kif prospettat mill-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 biss,

kwantu ghall-frattura fl-imnieher. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni dwar offizi gravi kkagunati fil-persuna tal-istess Ahmed Hassan Moussa Ebid, il-Qorti ssib illi gew ikkagunati biss offizi ta' natura hafifa u dan skont kif jirrizulta mic-certifikat mediku a fol. 12, sorrett mix-xhieda tat-tabib kif ukoll tal-vittma nnifsu.

Ikkunsidrat;

Permezz tat-tielet imputazzjoni, gie addebitat lill-imputat ir-reat kontravvenzjonali prospettat fl-Artikolu 339(d) tal-Kodici Civili. Mill-konsiderazzjonijiet kollha maghmula huwa evidenti illi l-imputat hebb kontra Ahmed Hassan Moussa Ebid biex jagħmel ħsara lilu, tant illi kif stabbilit mill-provi, huwa kkagunalu b'hekk offizi ta' natura gravi, u ghaldaqstant ghandu jinstab hati wkoll ta' dan ir-reat.

Ikkunsidrat;

L-Artikolu 251B tal-Kap. 9 johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fir-raba' imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, huwa mehtieg illi l-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża, imissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni. Inoltre, persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova l-imġieba tagħha kienet adottata f'cirkostanzi fejn l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew kienet waħda raġonevoli għall-

ħarsien tagħha nnifisha jew ta' ħaddieħor. Jigifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tal-persuna regjonevoli.

Dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi kunsidrat b'referenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bilfors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxxena u tal-agir precedenti tal-persuna imputata. Dan ghaliex kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[33]:-

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Issir ukoll referenza ghall-kaz **Il-Pulizija vs Walid Salah Abdel Motaleb Mohamed** deciz fis-16 ta' Dicembru 2016 fejn gie riaffermat li biex jirrizulta r-reat taht l-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9, l-imgieba inkriminanti trid tirrizulta li tkun sehhet fuq iktar minn okkazzjoni wahda. Il-Qorti tal-Appell Kriminali, f'dik is-sentenza, riaffermat illi incident wiehed ma jammontax ghall-*course of conduct* prospettat mill-Artikolu in dizamina. Dan il-*course of conduct* huwa element materjali kostituttiv tar-reat in kwistjoni u l-imgieba mehtiega f'dawn l-okkazjonijiet ghandu jikkonsisti f'agir li jikkaguna lis-suggett passiv tar-reat "*jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd ...*" B'zieda ma' dan, gie ritenut illi dawn l-okkazjonijiet iridu jirrizultaw fil-grad li trid il-ligi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni, u m'huwiex *"sufficjenti li jkun hemm biss indikazzjoni vaga jew nebuluża tagħhom."*

Mill-provi migjuba f'dan il-kaz u applikati it-taghlim fuq citat, hija l-fehma tal-Qorti illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova li jissussistu l-elementi kostituttivi tar-reat kontemplat taht l-Artikolu 251B(1). Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-episodju fejn Ahmed Hassan Moussa Ebid gie msawwat fil-garaxx

[33] 21 ta' Gunju 2007.

tal-imputat, fejn garrab il-griehi gravi li l-imputat qed jinstab hati li kkagunalu, ma ghandux jitqies fost l-okkazzjonijiet li ghandhom jigu ppruvati ghall-fini li tinstab htija ghar-reat taht l-Artikolu 251B ghaliex effettivament, f'din l-okkazzjoni l-imgieba tal-imputat immaterjalizzat fi swat u effettivament, ma kienx hemm biza' dak il-hin, izda swat materjali.

Anke jekk il-Qorti kellha tqis l-episodju li sehh biss ftit minuti qabel, dejjem fis-26 ta' Lulju 2018, meta l-imputat hebb ghall-vittma fuq id-dghajsa u tefaghlu l-hwejjeg tieghu gol-bahar, bhala okkazzjoni separata fejn gie ppruvat li l-imgieba tal-imputat gieghel lill-vittma jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih, bl-applikazzjoni tal-insenjament tal-Qrati taghna in materja, kif fuq rapportat, din l-okkazzjoni wahedha ma hijiex sufficjenti biex tinstab htija ghar-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 12. Huwa minnu illi l-vittma Ahmed Hassan Moussa Ebid ghamel accenn fix-xhieda tieghu ghal zewg episodji ulterjuri fejn darba minnhom, allegatament, l-imputat kien heddu b'senter meta kienu fuq il-bahar, u darb'ohra, gurnata qabel gie aggredit, l-imputat kien aggressiv mieghu u kien waddablu l-ikel barra. Madanakollu, din ix-xhieda ma tinstawrax fil-Qorti l-konvinciment morali li hija mehtiega biex tinstab htija kriminali, u dan ghaliex ix-xhieda tal-allegat vittma hija vaga wisq u inoltre hija mankanti fl-elementi sostantivi li komplessivament isawru prova li tilhaq il-grad rikjest fil-kamp kriminali, fosthom dettalji ta' data u lok u cirkostanzi materjali ta' dawn l-okkazzjonijiet ohrajn li ghandhom jigu ppruvati b'zieda mal-incident tas-26 ta' Lulju 2018 li ta lok ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti m'hijex konvinta li l-element kostituttiv tar-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u konsegwentement ma tistax hlief tilllibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghar-reat addebitat lill-imputat fil-hames imputazzjoni, l-Avukat Generali indika r-reat taht l-Artikolu 579(2) u (3) tal-Kap 9., cioe` r-reat ta' nuqqas tat-tharis ta' xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

Mill-atti jirrizulta illi meta fis-26 ta' Lulju 2018 l-imputat ikkommetta r-reati li qed jinsab hati taghhom, cioe` ir-reati taht l-Artikolu 216 u 221 tal-Kap. 9, huwa kien mehlus mill-arrest permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Lulju 2017 fil-kors ta' proceduri kriminali ohrajn pendenti fil-konfront tieghu. Kopja legali ta' dan id-digriet bil-kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat waqt li jkun mehlus mill-arrest, giet esebita fl-atti (Dok. EH18) u minnha jirrizulta illi wahda minn dawn il-kundizzjonijiet li l-imputat kien marbut illi josserva hija dik li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun hekk mehlus mill-arrest.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Hussein Hamada**, deciza minn din il-Qorti diversament preseduta[34], gie ritenut hekk:-

***"F'dan il-kaz, minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eccetra l-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proceduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu nghataw jkunu ghadhom pendenti fil-mument meta jkun gie allegat li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest.***

*Dan ghaliex fil-kaz li dawk il-proceduri kriminali jkunu gew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta maghhom – salv il-kaz t'appell mis-sentenza fejn jistghu jkunu ritenuti vigenti skond l-Artikolu 416(1A) tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz, din il-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument li l-imputat naqas milli jhares wahda mill-kondizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk,* ***il-Qorti ma tistax tassumi li ghadhom pendenti ladarba din il-prova ma ngabitx fl-atti mill-Prosekuzzjoni. Ghalhekk din il-Qorti sejra ssib li din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement sal-grad rikjest mill-ligi u b'hekk ser tillibera lill-imputat minnha.****"*

[34] 13 ta' Jannar 2016.

Madanakollu, fil-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti, jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur f'dawk il-proceduri, l-Ispettur Jeffrey Scicluna, illi l-proceduri kriminali li fihom l-imputat odjern kien gie mehlus mill-arrest bid-digriet tat-28 ta' Lulju 2017, kienu ghadhom pendenti fil-gurnata tal-kommissjoni tar-reati li qed jinsab hati li kkommetta fil-proceduri odjerni, liema delitti, fuq imsemmija, huma evidentement ta' natura volontarja. Din ix-xhieda ma gietx kontradetta jew opposta mid-difiza u konsegwentement, ma ntwerilha l-ebda raguni l-ghala ma ghandhiex toqghod fuqha kwantu ghall-fatt illi d-digriet tal-helsien mill-arrest moghti fit-28 ta' Lulju 2017 ma kienx ghadu jorbot lill-imputat fid-data li sehhew il-fatti li tak low ghall-imputazzjonijiet odjerni.

F'dan il-kaz, il-Prosekuzzjoni talbet ukoll ir-revoka tal-helsien mill-arrest tal-imputat a tenur tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9, fejn il-legislatur ikkontempla wkoll bhala "piena" addizzjonali ghar-reat ta' ksur ta' kundizzjoni tal-helsien mill-arrest taht l-Artikolu 579(2), ir-revoka tal-helsien mill-arrest bil-konsegwenti arrest mill-gdid. Madanakollu, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 jaghmluha car illi l-Qorti ghandha diskrezzjoni tiddeciedi jekk ghandhiex tordna r-revoka tad-digriet li bih l-imputat ikun inghata l-helsien mill-arrest u l-konsegwenti ri-arrest tieghu fl-istess proceduri, diversament mill-konfiska tal-ammont stabbilit ghall-fini tal-helsien mill-arrest taht garanzija, liema konsegwenza hija wahda tassattiva.

Hawnhekk il-Qorti trid taghmilha cara illi filwaqt illi l-iskop ewlieni tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest huwa proprju biex jigi zgurat li l-imputat jidher ghall-awtorita` tal-Qorti kull meta jigi notifikat biex jaghmel dan, u sabiex jigi assigurat ukoll kemm jista' jkun illi ma jkunx hemm intralc tal-provi, huwa mehtieg ukoll illi anke l-kundizzjonijiet l-ohrajn tal-helsien mill-arrest li l-imputat ikun obbliga ruhu li joqghod ghalihom bil-firma tad-dikjarazzjoni appozita, jigu osservati skrupolozament.

Dan stabbilit, il-Qorti tqis illi l-kundizzjoni li l-imputat ma jikkomettix, waqt li jkun mehus mill-arrest, delitt iehor ta' natura volontarja, ghandha sinjifikat u portata partikolari marbutin mal-fatt illi l-imputat ikun qieghed diga` jigi mixli b'reat kriminali u qieghed jinghata l-helsien mill-arrest. Ghaldaqstant, din il-kundizzjoni ghandha ghalhekk tigi strettament u skrupolozament osservata u l-ksur taghha ghandu jitqies bhala nuqqas mill-iktar serju u gravi.

Il-Qorti sejra ghalhekk, anke ghaliex ghandha idejha marbutin, tordna l-konfiska tad-depozitu fis-somma ta' €1,000 kif ukoll il-hlas tas-somma ta' €2,000, stabbiliti ghall-fini tal-helsien mill-arrest permezz tad-digriet tat-28 ta' Lulju 2017. Madanakollu, fl-istess waqt, m'hijiex sejra tuza d-diskrezzjoni taghha sabiex tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest tal-imputat u r-riarrest tieghu f'dawk il-proceduri kriminali - anke ghaliex ma ghandhiex quddiemha prova li **illum** dawk il-proceduri ghadhomx pendenti.

Ikkunsidrat;

Bis-sitt imputazzjoni l-imputat qed jigi mixli li huwa kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt il-perijodu operattiv tal-liberta` kondizzjonata skont sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta mhar id-9 ta' Mejju 2017. L-Artikolu 23 tal-Kap. 446 jipprovdi kif gej:-

*(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta'probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti:-*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta'probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;*

Huwa minnu illi l-imputat qieghed permezz ta' din is-sentenza jinstab hati ta' reat punibbli bil-prigunerija u huwa minnu wkoll illi mill-fedina penali tieghu kif ukoll mis-sentenza moghtija fid-9 ta' Mejju 2017 li kopja legali taghha giet esebita fl-atti, jirrizulta illi l-istess imputat kien gie liberat kundizzjonalment ghal perijodu ta' sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446.

Izda l-Qorti tqis illi sabiex tkun f'pozizzjoni li ssib htija ghal din l-imputazzjoni, cioe` is-sitt imputazzjoni, huwa indispensabbli li l-Artikolu relevanti tal-ligi jkun gie indikat lilha fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali. Madanakollu, jigi osservat illi l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta (L-Att dwar il-Probation) m'huwiex fost dawk indikati lilha mill-Avukat Generali fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju f'din il-kawza[35].

B'zieda ma' dan, il-Qorti tqis ukoll illi sabiex tkun tista tittratta effettivament lill-imputat ghar-reati li huwa kien instab hati taghhom permezz ta' dik is-sentenza daqslikieku din il-Qorti stess tkun ghadha kif sabitu hati tar-reati li ghalihom gie liberat kundizzjonalment, kellha talanqas tintalab fic-citazzjoni li tittratta lill-imputat a tenur tal-Artikolu 23 tal-Kap. 446, liema talba izda, saret biss kwantu ghall-addebitu tar-recidiva.

Ghaldaqstant fl-assjem ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tqisx li tista ssib htija fl-imputat ghal dak addebitat lilu fias-sitt imputazzjoni u lanqas ma tista' tittratta ghar-reat li dwaru kien originarjament gie liberat kundizzjonalment.

Ghall-kompletezza kif ukoll ghall-korrettezza, il-Qorti tosserva wkoll li minn ezami tas-sentenza tad-9 ta' Mejju 2017 (Dok. EH5)[36] jirrizulta illi ghalkemm il-qorti f'dik is-sentenza tat ordni li biha lliberat kondizzjonalment lill-imputat kwantu ghall-htija ghat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonjiet, ghal dawn l-istess imputazzjonijiet ikkundannatu wkoll multa ta' €800. Galadarba l-Artikolu 22

[35] 3 ta' Jannar 2019, fol. 143.
[36] Fol. 91 *et seq*.

tal-Kap. 446 jistipola kjarament illi ordni ta' liberazzjoni kundizzjonata jew inkondizzjonata issir meta lill-qorti jidrhilha li ma jkunx spedjenti li twaħħal **ebda piena** (u ordni ta' *probation*, ordni ta' servizz fil-komunità jew ordni ta' *probation* u servizz ma jkunux adatti), din il-Qorti tqis illi fi kwalsiasi kaz mhuwiex il-kaz li tittratta lill-imputat odjern ghal dawk ir-reati lilu addebitati fit-tliet imputazzjonijiet imsemmija f'dik is-sentenza tad-9 ta' Mejju 2017.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti giet ukoll mitluba tittratta lill-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut hekk in propositu tal-addebitu tar-recidiva:-

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissem-ma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...".*

Kif inhu risaput, ghalkemm giet esebita fl-atti l-fedina penali tal-imputat, din m'hijiex bizzejjed u ma tikkostitwixxi la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva tal-imputazzjoni tar-recidiva:-

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza*

*ta' dik is- sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is- sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*[37]

Billi fil-kaz odjern ma gietx esebita s-sentenza tal-15 ta' April 2010 fejn l-imputat inghata piena ta' multa u s-sentenza tad-9 ta' Mejju 2017 fejn ukoll gie kkundannat ghall-piena ta' multa[38], il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghall-addebitu tar-recidiva.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li, ghalkemm ma hijiex wahda refrattarja, jirrizulta illi l-imputat diversi drabi nstab hati li hedded jew ikkaguna offizi fuq persuni ohrajn, fosthom fuq ufficjali inkarigati minn servizz pubbliku. Huwa evidenti wkoll illi l-imputat ma gharafx juzufruwixxi miz-zewg opportunitajiet li nghatawlu mill-qrati fis-sura ta' liberazzjoni kondizzjonata, sabiex jaghraf jimxi skont il-ligi, ghaliex huwa evidenti li huwa ghazel li jkompli jaggredixxi lil persuni ohrajn, f'dan il-kaz haddiem tieghu stess. Il-Qorti qieset ukoll il-gravita` tal-offiza kkagunata fuq il-vittma f'dan il-kaz u s-serjeta` tar-reati li qed jinstab hati taghhom.

Ghalkemm il-Qorti hija konxja tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A(7) tal-Kap. 9 li jipprovdu illi sentenza ta' prigunerija sospiza li tinghata bis-saħħa tas-subartikolu (1) tal-istess Artikolu 28A, ma għandhiex tinghata *inter alia*, meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' *probation* jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation, il-Qorti ghar-ragunijiet diga` kkunsidrati iktar 'il fuq, ma hijiex sodisfatta illi ghandha tinstab htija ghall-addebitu fis-sitt imputazzjoni cioe` li huwa kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt il-perijodu operattiv tal-liberta' kondizzjonata, galadarba ma saritx indikazzjoni specifika fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, ghall-Artikolu 23 tal-Kap. 446.

[37] **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 2003.
[38] Ara fedina penali tal-imputat, Dok. EH1 , fol. 10 *et seq*.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-raba' u s-sitt imputazzjonijiet u lanqas ma ssib htija ghall-addebitu tar-recidiva dedott fis-seba' imputazzjoni, u konsegwentement tilliberah minn dawn l-imputazzjonijiet, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216(1)(b), 221(1), 339(d) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-istess imputat JASON GENOVESE hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet u tikkundannah sittax (16)-il xahar prigunerija izda, bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna wkoll illi jigi konfiskat l-ammont tad-depozitu u tal-garanzija personali fis-somma totali ta' tliet elef Euro (€3,000) li giet stabbilita fid-digriet moghti fit-28 ta' Lulju 2017[39] fil-kumpilazzjoni bin-numru 313/2017, li bih il-hati kien inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija, izda tichad it-talba ghar-revoka tal-imsemmi digriet u ghar-ri-arrest ta' JASON GENOVESE**.

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti b'zieda mal-piena, tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' tliet mija u hames Euro (€305) rapprezentanti l-ispejjez imhallsin lill-espert mahtur f'dawn il-proceduri**.[40]

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu**

[39] Fol. 137.
[40] Mr. Frederick Zammit Maempel, vide drittijiet indikati a fol. 104, *tergo*.

**taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Ahmed Hassan Moussa Ebid, il-Qorti qieghda torbot lill-hati, cioe` lil JASON GENOVESE, b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300) li ma jimmolestax lill-istess Ahmed Hassan Moussa Ebid, u dan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**